**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 02/15(13_05_15).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 13 ta' Mejju 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

Is-Sur Mark Busuttil - *Chairperson*, Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-7 ta' Mejju 2015.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Festa 2015 ta' San Pawl Nawgrafu, Il-Munxar.
6. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
7. Rapport tas-Sindku.
8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
9. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
10. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 6/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Depożitar ta' Flus fil-Kont tal-Bank tal-Kunsill Lokali'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 7/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Laqgħat tar-Reġjuni'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 8/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ftehim Kollettiv għal Ħaddiema Klerikali tal-Kunsilli Lokali/Kumitati Reġjonali 2012-2016 – *Progression* wara 5 snin servizz minn *Assistant Principal Scale* 11 għal *Scale* 10, u minn *Clerk Scale* 15 għal *Scale* 14'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 9/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 10/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbiltà ta' Librerija Lokali'.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward *e-mail accounts* tal-Kunsillieri sabiex issa li għaddew l-elezzjonijiet tal-Kunsill jiġu aġġornati l-imejls tal-istess membri tal-Kunsill. Saret referenza għall-Memo 15/2014 – 'Posta Elettronika tal-Membri tal-Kunsill Lokali'.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Project Leader, ESF 4.181, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Call for Expression of Interest: Train-the-Train Component – ESF 4.181 – Improving Public Management & Governance at Local Level'.

2.08 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *Media Release* maħruġa mill-Malta Tourism Authority rigward il-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar, fil-25 u 30 ta' April 2015 u fit-2 ta' Mejju 2015.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward 'Guidelines for Outdoor Catering Areas – Objectives'. Ġew *issued* għall-konsultazzjoni pubblika *set* ta' *objectives* proposti li jirregolaw l-imwejjed u siġġijiet u strutturi oħrajn fuq *pedestrian public footpaths* sabiex jintużaw bħala *framework* fid-*drafting* tal-*guidelines* il-ġodda. Il-Kunsill huwa mitlub jibgħat is-sottomissjonijiet tiegħu dwar dawn id-*draft objections* bil-miktub.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Community Chest Fund rigward 'Community Day', fit-2 ta' Mejju 2015 fejn il-ħwienet ikunu mħeġġa li jieħdu sehem u jagħtu persentaġġ mill-bejgħ lill-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex ixerred il-kelma mal-ħwienet fil-lokalità u ġie mistieden għal-*launch* uffiċjali fl-24 t'April 2015, fil-Palazz ta' Sant'Anton.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali fejn qed titwassal kopja ta' ittra mibgħuta mid-Dipartiment tal-Artijiet dwar terminazzjoni ta' permess li jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem stabbiliment kummerċjali fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, Ix-Xlendi.

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal rigward il-Korsijiet *Rights 4 U* mis-16 sat-18 ta' Lulju 2015 u mill-4 sas-6 ta' Awwissu 2015, fis-Seminarju tal-Arċisqof, Ir-Rabat, Malta u mill-24 sas-26 ta' Awwissu 2015, f'Dar Manresa, Victoria, Għawdex, għal tfal ta' bejn it-13 u l-15-il sena li jattendu skola sekondarja fil-*Form* 3 jew *Form* 4.

2.13 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL 23/2015 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Tqassim ta' *Cards* tal-Passiġġieri tat-Trasport Pubbliku'.

2.14 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda u l-iskeda ta' pagamenti tal-50 laqgħa u l-Minuti tad-49 laqgħa li saret fl-20 ta' Marzu 2015 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Għaqda Maltija Kopin rigward kors b'xejn, fi ħdan il-proġett ClimATE Change, għall-bdiewa: Niffaċċjaw it-tibdil fil-klima fil-biedja Maltija u Għawdxija li jitratta dwar 'L-effett tat-tibdil fil-klima fuq l-istruttura fiżika tal-ħamrija, l-istatus nutrittiv tagħha u l-effett globali fuq it-tkabbir tax-xtieli', fil-15 ta' Mejju 2015, fir-Razzett Esperimentali tal-Gvern, Ix-Xewkija.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-*Managing Director* tat-TCTC fejn introduċa ruħu u ta xi informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom. Huwa awgura ħidma fejjieda lill-Kunsill il-ġdid għall-benefiċċju tar-residenti tal-lokalità u offra s-servizzi tagħhom.

2.17 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA l-lista ta' applikazzjonijiet għal Permess ta' Żvilupp fil-lokalità, datata 13 ta' Mejju 2015, sabiex il-Kunsill ikun jista' jibgħat il-kummenti tiegħu.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni Temi Zammit rigward 'Sustainable Tourism in Historic Centres – The Strategic Role of Local Communities'. Il-Kunsill qed jiġi mistieden għall-International Conference and Round Table, fit-13 ta' Mejju 2015 fil-Mediterranean Conference Centre, Valletta.

2.19 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-African & Beyond Unite Against Discrimination rigward 'Request for a Feasibility Research Meeting with the Mayor and the City Staff'. Ingħatat informazzjoni dwarhom u l-ħidma tagħhom u talbu sabiex issir laqgħa mal-Kunsill.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont finanzjarju ta' proġetti li saru mill-Kunsill li għadu kemm spiċċa. Dawn huma l-proġetti:

**PPP**

| | |
|---|---|
| Spejjeż totali (Kuntrattur, Perit u *Testing*): | €260,071.77 |
| Il-Kunsill ser jingħata mingħand DLG 75% tal-ispiża: | €195,053.83 |
| Fondi tal-Kunsill 25% tal-ispiża: | € 65,017.94 |

**Proġett – Pjazza tal-Knisja, - Il-Munxar**

| | | |
|---|---|---|
| Ġie jiswa: | €101,787.24 | |
| Il-Kunsill ingħata: | € 70,000.00 | - fondi minn Eco-Gozo |
| | € <u>20,000.00</u> | - fondi mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali |
| | € 90,000.00 | |
| Il-Kunsill nefaq: | € 11,787.24 | – mill-fondi tal-Kunsill |

**Belvedere - Triq il-Kantra, Ix-Xlendi**

| | |
|---|---|
| Spejjeż totali (Kuntrattur u Perit): | €113,394.00 |
| Il-Kunsill ingħata mingħand il-MEPA: | €107,924.02 – Kuntrattur |
| Il-Kunsill nefaq: | € 5,469.98 – Perit |

**Passaġġ tal-Kosta, Ix-Xlendi**

| | |
|---|---|
| Ġie jiswa: | €45,957.31 |
| Minn Fondi tal-EU-Measure 313 tħallsu: | €20,749.46 – Kuntrattur |
| | € 326.80 – Perit |
| | €21,076.26 |
| Mill-fondi tal-Kunsill tħallsu: | €22,329.63 – Kuntrattur |
| | € 2,551.42 – Perit |
| | €24,881.05 |

**Belvedere - Triq San Xmun**

| | |
|---|---|
| Il-Proġett ġie jiswa | €57,133.35 |
| Mill-fondi Eco-Gozo tħallsu: | €56,084.25 – Kuntrattur |
| Mill-fondi tal-Kunsill tħallsu: | € 1,049.10 – Perit |

3.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-2015 - Memo 27/2014. Qed jirreferi għall-applikazzjoni tal-Kunsill rigward l-attività Eku mill-Munxar…*dari u llum* - Ġimgħa għall-Familja. Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni ddiskuta l-proposta u għal din is-sena mhux ser ikun qiegħed jagħti għajnuna finanzjarja.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kumitat li twaqqaf mill-Ministeru għal Għawdex sabiex jikkordina l-attivitajiet tal-Milied f'Għawdex u dan wara s-suċċess tas-sena li għaddiet. Huma jixtiequ jkunu jafu dwar inizjattivi u attivitajiet li hemm il-ħsieb li jsiru mill-Kunsill bejn l-4 ta' Diċembru 2015 u t-3 ta' Jannar 2016.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kap tal-MEUSAC, is-Sur Vanni Xuereb fejn qed jifraħ lis-Sindku u l-Kunsilliera għall-elezzjoni. Huwa qed iħares 'il quddiem lejn l-opportunitajiet li ser ikun hemm biex naħdmu flimkien fuq materji t'interess komuni f'dawn l-erba' snin li ġejjin u jieħu l-opportunità biex ifisser ix-xewqa tiegħu li jiltaqa' mas-Sindku u ma' rappreżentanza tal-Kunsill ħalli tiġi diskussa l-kollaborazzjoni li tista' ssarraf f'opportunitajiet.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kap Eżekuttiv tal-Green MT fejn barra li qed jawgura lis-Sindku u lill-Kunsill, huwa qed jitlob laqgħa mas-Sindku sabiex jiġi diskuss dwar dak li qed jiġri fix-Xlendi u l-mod kif nistgħu nnaqqsu l-abbuż. Jiġi diskuss ukoll l-iffirmar tal-kuntrattur il-ġdid.

3.06 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward kors għas-Sindki u Segretarji Eżekuttivi – Leadership Academy Programme for Local Government. Dan il-kors ser isir fuq 9 ijiem fix-xhur ta' Lulju, Settembru u Ottubru 2015.

3.07 Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident ta' Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi. Huwa qed jitlob sabiex issir lampa ġdida ma' arblu li diġà jeżisti peress li minħabba d-dlam qed isir xi vandaliżmu. Kien hemm qbil dwar dan.

3.08 Il-Kunsill irċieva lment mingħand sidien ta' proprjetà fi Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi. Huma qed jirrapportaw li f'tarf Triq iż-Żirżieb hemm karozza bajda mingħajr numri li ilha hemm ħafna żmien u qed jitolbu li din titneħħa. Qed jinfurmaw ukoll lill-Kunsill li minflok din il-karozza ser iħawlu xi fjuri.

3.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand proprjetarju ta' *flat* minn *block* fi Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi. Qed jilmenta li *block* li jmiss ma' tiegħu huma aċċessibbli minn kulħadd u barra li huwa ta' periklu, qed jintefa' ħafna żibel. Huwa diġà rrapporta lis-sid, lill-Pulizija u lis-Sanità.

3.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident fi Triq ir-Rumani dwar *plot* li ma hijiex imdawra b'ċint u peress li tiġi taħt ir-riħ, qed tkun ta' periklu li jaqa' xi ħadd. Il-Kunsill ser ikellem lis-sid sabiex jibni ċ-ċint.

3.11 Il-Kunsill irċieva d-deċiżjoni tal-MEPA dwar permess għal Żvilupp PA/03223/14.

3.12 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2014-2015 – Memo 27/2014 fejn il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ġie infurmat li se jingħata l-ammont ta' €3,000 għall-attivitajiet Kalendarju ta' Attivitajiet – Ix-Xlendi.

3.13 Il-Kunsill irċieva talba mingħand operatur ta' stabbiliment fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi sabiex jingħata approvazzjoni li l-bankina titwessa' hekk kif approvata mingħand Transport Malta. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li din it-talba qed tiġi kkunsidrata mill-awtoritajiet kompetenti.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 02/15(13_05_15).

**5.00 Festa 2015 ta' San Pawl Nawgrafu, Il-Munxar.**

5.01 Bħas-snin l-imgħoddija, il-Kunsill se jorganizza diversi attivitajiet fil-ġimgħa tal-festa li din is-sena se taħbat bejn id-19 u l-24 ta' Mejju 2015.

Nhar it-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015 - il-Kunsill se jorganizza *Sports Day* għat-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Munxar Falcons FC se jieħu ħsieb din l-attività u se jitħallas is-somma ta' €236.00.

L-Erbgħa, 20 ta' Mejju 2015 - il-Kunsill se jorganizza serata mużiko-letterarja fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar. Din is-serata se tikkonsisti f'taħditiet dwar San Pawl, poeżiji, kant u mima. Il-Kunsill se jħallas lill-Parroċċa s-somma ta' €500.00.

Il-Ħamis, 21 ta' Mejju 2015 – il-Kunsill se jorganizza Żgħażagħ Fest fil-Pjazza tal-Knisja. Il-Kunsill se jħallas lil Cini Brothers €150.00; dawl €60.00; *sound* €125.00 u lil Buzzy Kids Entertainment €400.00.

Il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2015 – il-Kunsill se jorganizza l-*entertainment* waqt l-ikla tradizzjonali. Il-Kunsill se jħallas dawl €60.00; *sound* 118.00 u D Capital's Band €500.00.

Is-Sibt, 23 ta' Mejju 2015 – il-Kunsill se jagħmel *show* ta' dwal u *sound* quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali u fil-Pjazza tal-Knisja. Il-Kunsill se jħallas *big screen* €190.00; *sound* €850.00 u dawl €350.00.

Matul il-ġimgħa tal-festa l-Kunsill jipprovdi żewġ *mobile toilets* għall-Pjazza tal-Knisja u jipprovdi *live streaming* mill-Knisja u l-pjazza.

**6.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

6.01 Il-perit tal-Kunsill għadu kemm kejjel il-*patching* li sar fil-Munxar. Bħalissa l-ħaddiema tal-Gvern qed jagħmlu xogħol ta' *patching* fix-Xlendi.
Qed issir tindifa ġenerali fit-toroq tal-Munxar u Ix-Xlendi. Qed jinqata' l-ħaxix ħażin mit-toroq u jinkinsu.
Fix-Xlendi beda *maintenance* ġenerali billi l-Ministeru għal Għawdex bagħat tmien ħaddiema. Tranġat l-islipway tax-Xlendi u beda xogħol ta' żebgħa tal-għamara tat-toroq u tal-kurduna. Inqalet il-*platform* ta' fejn kien hemm il-*bus shelter* u nħaslu l-*bus shelters* tal-Munxar u tax-Xlendi flimkien mat-*telephone boxes*.
Fi Triq Żgħawri beda x-xogħol ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ u wara l-wiċċ se jinkesa bit-tarmak.

**7.00 Rapport tas-Sindku.**

7.01 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li mill-1 ta' Mejju 2015 sa issa kellha diversi laqgħat, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, ma' diversi uffiċjali inkarigati u ħaddiema li qed joffru servizz lill-Kunsill. Fost dawn il-laqgħat kien hemm laqgħa mal-uffiċjal inkarigat mill-*beach cleaners*, mal-uffiċjal inkarigat mill-kenniesa u mal-*foreman* inkarigat mill-manutenzjoni tax-Xlendi. Saret laqgħa mas-Sur Norman Mifsud li huma inkarigat mill-Kumpanija E.L.C. fejn spjega li dawk iż-żewġ partijiet mis-*soft areas* ta' Triq Santa Dminka huma *level* 2 u 3 u għalhekk mhux suppost li jitħawlu fjuri. Madanakollu fuq talba tas-Sindku, huma aċċetta li jsebbaħ Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u l-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957. Is-Sindku semmiet li saru diversi laqgħat mal-Kappillan sabiex l-attivitajiet tal-ġimgħa tal-festa jsiru bil-kollaborazzjoni tal-Għaqdiet tal-Parroċċa u l-Kunsill.

Il-ħin kien id-8.45 ta' filgħaxija u s-Sur Robert Mallia talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**8.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex jaħtar il-Bord ta' Evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti MXR/005/2015, MXR/006/2015 u MXR/007/2015.

Ġie deċiż li l-bord ser ikun kompost minn:

Carmen Said – *Chairperson*
Anthony Grech – Segretarju tal-Bord
Robert Mallia – Membru
Mark Busuttil – Membru
William Sultana – Membru

Perit William Lewis – Konsulent Tekniku

Il-bord ser jiltaqa' fis-26 ta' Mejju 2015, fis-2.30 ta' waranofsinhar sabiex issir l-ewwel laqgħa tal-bord.

8.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq riżoluzzjoni lill-Kunsill li tgħid hekk:

- Il-firmatarji l-ġodda awtorizzati li jamministraw il-kontijiet bankarji fl-HSBC Bank Malta p.l.c f'isem il-Kunsill Lokali Il-Munxar huma Carmen Said - Sindku u Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv
- Dawn huma awtorizzati li jiffirmaw flimkien
- Huma jistgħu jagħmlu l-*enquiries* li jkun hemm bżonn b'konnessjoni ma' dawn il-kontijiet bankarji, u
- Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li jinforma lill-Bank f'każ ta' tibdil ta' dawn l-uffiċjali awtorizzati.

Din ir-riżoluzzjoni għaddiet.

8.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta stima sabiex jiġu ordnati 100 *lapel badge* tal-Kunsill biż-€2.50 il-waħda għat-total ta' €250.00.

**9.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

9.01 Is-Sinjorina Sonja Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fir-rampa li jinżlu d-dgħajjes fix-Xlendi qed ikun hemm vann aħmar mgħobbi bil-*jerrycans* tal-*fuel* u qed ikun ta' ingombru għad-dgħajjes.
Hija semmiet dwar l-ilment tan-nies minħabba *bins on wheels* li hemm fil-*Parking* tax-Xlendi peress li wieħed tpoġġa viċin *boathouse* u qed ikun ta' inkonvenjent u ieħor qed jagħmel irwejjaħ kbar.
Fil-*parking* hemm diversi fanali li ma jixgħelux u t-*tourist kiosk* li qed tintuża bħala *bus shelter* għandha bżonn titranġa u tingħalaq għax issa twaħħlet il-*bus shelter* li kien hemm aktar 'il ġewwa tal-*parking*.
Diversi tabelli li hemm fi Triq ix-Xlendi tqaxxru u jridu jerġgħu jsiru mill-ġdid.

9.02 Is-Sur Damien Spiteri ssuġġerixxa li fejn qed jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Żgħawri u t-triq hija dejqa, tista' tiċċekken il-ħxuna tal-ħajt min-naħa ta' barra biex b'hekk it-triq titwessa'. Is-Sindku infurmatu li s-sidien ġew mitluba dwar dan u rrifjutaw.
Is-Sur Damien Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-bżonn li ssir *floodlight* żgħira biex iddawwal l-islipway tax-Xlendi, semma dwar ħitan tas-sejjieħ li bena l-Kunsill f'Tas-Sanap u għandhom bżonn dawra u l-bozza tal-kampnar ma tixgħelx.
Huwa staqsa dwar l-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ u dwar il-pagament ta' xogħol ta' tindif li sar mis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin fi Ġnien Ragalna. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li l-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ irid jerġa' jiġi kkonfermat mill-Kunsill il-ġdid iżda jrid jiġi vverifikat l-età peress li suppost ma jkollux aktar minn 18-il sena. Il-pagament tax-xogħol li sar mis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin ser isir f'isem l-Għaqda u jingħata lill-Kappillan.
Is-Sur Damien Spiteri ssuġġerixxa li fi Triq ix-Xlendi viċin l-Għajn għandha ssir xi ħaġa minħabba s-sewqan eċċessiv. Huwa ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jorganizza 'Giochi Senza Frontiere' fil-Munxar.

**10.00 Materji oħra.**

10.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fl-9.45 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2015, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmen Said**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***